MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2172/2002

**Avviz Numru 2172/02 AJD**
**Aquatess Limited**

**vs**

**Rita Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin (Lm76.51) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta' Marzu 2001, 10 ta' April 2001, 15 ta' Gunju 2001, 10 ta' Settembru 2001, 3 ta' Marzu 2002 u 14 ta' Gunju 2002 u bl-imghax ta' 8% fuq Lm76.51 mit-23 ta' Marzu 2001 sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Renato Cefai in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin (Lm76.51), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza,  nkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta' Marzu 2001, 10 ta' April 2001, 15 ta' Gunju 2001, 10 ta' Settembru 2001, 3 ta' Marzu 2002 u 14 ta' Gunju 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**